MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Numru. 193/2008

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Roderick Caruana Grech ta’ 21 sena, imwieeld tal-Pieta’, fl-4 t’Ottubru 1983, iben Michael u Rita nee Grech residenti numru 80 Triq il-Kurċifiss, Isla detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 501783 (M)

Akkużat talli fid-9 ta’ Jannar 2005 u matul l-aħħar tliet xhur ta’ qabel din id-data b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi liema atti ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda

a) biegħ jew xort’oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi tagħhom din raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Maklta **liema biegħ sar lil minuri**;

b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din

ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta liema sustanza nstabet **f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tla-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-12 t’Awwissu 2008, il-fedina penali tal-imputat , iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 5017 tas-sena 1983, l-ammissjoni tal-imputat magħmula fil-5 ta’ Mejju, 2009, it-talba tad-difiża sabiex il-Probation Officer imħejji Pre-sentencing Report (fol 21)u r-rapport tal-Probation Officer, is-Sur Chantal Avellino.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih liema ammissjoni l-imputat ikkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

Għaldaqstant dawn kienu ppruvati skond il-Liġi.

Minkejja l-ammissjoni, il-Qorti xorta fliet il-proċess ħalli tkun tista’ tasal għall-piena b’mod ġust.

Fil-qosor, irriżulta (b’xhieda okulari, ara WPS Andrea Grech fol 7) u PC 351 Joseph Borg (fol 9) u l-istqarrija tal-imputat stess) li l-imputat kien inqabad jarmi żewġ biċċiet raża tal-cannabis waqt li fl-istqarrija l-imputat kien ammetta li kien addict tal-eroina u li kien jabbuża minnha xi tliet darbiet fil-ġimgħa. L-imputat ammetta wkoll li kien ibigħ l-ismoke biex jiffinanzja l-addiction tiegħu. Huwa kien qal ukoll li kien jixtri madwar uqija raża u kien jaqla’ madwar Lm60 mill-bejgħ tar-raża. Il-Maġġur 45 Marisa Bartolo xehdet li kienu nstabu biċċtejn raża fil-pussess tal-imputat. Il-Qorti semgħet ukoll xhud li kien minorenni fiż-żmien jixhed li kien talab lill-imputat xi ibegħlu d-droga għax ma kellux xi jpejjep. Ix-xhud qal ukoll li l-imputa ma riedx jeħodlu flus.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll ir-rapport tal-Probation Officer, liema rapport kien imħejji b’għaqal u attenzjoni kbira. Fix-xhieda ngħatat informazzjoni medika li titfa’ dawl fuq ċerti problemi li għandu l-imputat (fol 25). Fir-rapport hemm konklużjonijiet aktar dettaljati tal-Psikjatra Dr Anthony Dimech dwar x’seta’ wassal għall-imġiba tal-imputat.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(b), 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B), u l-proviso dwar il-provvista ta’ droga lil xi minuri (taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) it-tieni proviso) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti qieset (a) l-ammissjoni tal-imputat u (b) r-rapport tal-Probation Officer li rrakkomanda l-minimum.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tirrepeti għal darb’oħra li l-bejgħ tad-droga qatt m’hu permess tkun xi tkun ir-raġuni.

Lanqas ma jiswa l-argument għaliex l-imputat ried iżomm il-habit tiegħu għax tali traffikar b'ebda mod m'hu ġustifikat mil-Liġi.
Wara li kkonsidrat dan kollu kif ukoll it-trapass taż-żmien, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' seba' xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €583 liema multa tista' titħalls b'rata ta' 50 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallsx, din għandha tinbidel skont il-Liġi.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabeix l-imputat jingħata kull għajnuna medika u psikjatrika li għandu bżonn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------